MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 549/2014

**Mirage Holdings Limited**
**C-6808**

**vs**

**Caruana Curran Joseph**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici 'ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-Socjeta' attrici l-ammont kumplessiv ta' elfejn, tlett mija u tmenin ewro (€2,380) kwantu ghal elfejn u hamsin ewro (€2,050) prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjati, kwantu ghal tliet mija u tletin ewro (€330) bhala interessi dovuti sallum.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux jigi kkundannat ihallas is-Socjeta' attrici l-ammont kumplessiv ta' elfejn, tlett mija u tmenin ewro (€2,380) kwantu ghal

elfejn u hamsin ewro (€2,050) prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u konsenjata, kwantu ghal tlett mija u tletin ewro (€330) bhala interessi sallum.

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici, li ddikjara illi l-ammont mitlub in forza ta’ din l-azzjoni huwa relattiv ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, u liema prezz jirrizulta minn diversi fatturi u *delivery notes* li kopja taghhom gietipprezentata mill-istess rapprezentant. Illi minkejja illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi, permezz ta’ *e-mails* u ittra interpellatorja, sabiex iwettaq il-hlas, hu baqa’ inadempjenti.

Illi minn rendikont li gie pprezentat mir-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici jirrizulta illi l-konvenut wettaq xi hlasijiet akkont tal-prezz tal-merkanzija lilu mibjugha; madanakollu fadal bilanc fl-ammont ta’ elfejn u hamsin ewro (€2,050.00) u dan kif jirrizulta mill-istess rendikont; illi l-istess rapprezentant iddikjara illi l-imghaxijiet mitluba f’din il-kawza gew ikkalkolati mid-dati tad-diversi fatturi, u dan wara li skadew it-tletin (30) jum *credit period* mid-dati tal-istess fatturi.

Ikkunsidra,

Illi t-Tribunal ra d-dokumenti li gew ipprezentati mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, u wara li semgha d-deposizzjoni tieghu, u ra li l-konvenut naqas milli jikkontesta din l-azzjoni, iqis it-talba tas-Socjeta' attrici bhala gustifikata. Illi in rigward l-imghax li s-Socjeta' attrici qed titlob il-hlas tieghu, jirrizulta mir-rendikont li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici illi l-ahhar konsenja ta' merkanzija saret fid-9 ta' Frar, 2012, filwaqt illi l-konvenut wettaq l-ahhar hlas akkont fid-29 ta' April, 2013. Illi mill-provi mressqa mir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ma jirrizultax jekk dan il-bejgh kienx wiehed kummercjali, jew ghal skopijiet personali, u cioe' ghal uzu domestiku. Illi lanqas ma rrizulta illi saret ebda 'nterpellazzjoni b'att gudizzjarju qabel ma giet ipprezentata din l-azzjoni. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-imghax pagabbli mill-konvenut fuq il-bilanc dovut ghandu jigi kkalkolat mid-data tal-ahhar hlas akkont imwettaq mill-konvenut, u ghalhekk mid-29 ta' April, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u hamsin ewro (€2,050.00), bl-imghax mid-29 ta' April, 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------